50 sena mill-*blitz* ta' l-aħħar Gwerra Dinjija

Din is-sena jaħbat il-50 sena anniversarju ta' l-attakk, fl-aħħar Gwerra Dinjija, mill-ajruplani tal-Luftwaffe Nażista, fuq l-aircraft carrier H.M.S. ILLUSTRIOUS. Din kienet sorġuta mal-Moll tal-Parlatorju, fejn il-lum hemm ir-Red China Dock, taħt Kordin, u sewwasew biswit l-Isla. Minħabba l-attakk aħrax magħmul minn mijiet ta' ajruplani tal-Luftwaffe, it-Tarzna ta' Malta u t-Tlett Ibliet sfaw milquta sewwa mill-bombi, l-aktar l-Isla, li saret ħerba bil-bini mwaqqa', u fejn ukoll sfaw maqtula ħafna nies vittmi, u ħafna oħrajn midruba. Kien hemm xeni ta' qsim il-qalb.

Dan l-attakk kien il-bidu ta' era ġdida għal Malta f'dik il-gwerra dinjija, u minn dakinhar il-gwerra fuq Malta ħadet bixra ġdida ta' qirda bl-attakki li bdew jiħraxu u jiqlielu, u l-konsegwenzi tal-gwerra u l-ħruxija tagħha bdew jinħassu sewwa fuqna. L-attakki fuq l-H.M.S. ILLUSTRIOUS kienu komplew ukoll matul il-Ħadd, 19 ta' Jannar, 1941.

Din is-silta hi meħuda mit-tifkiriet ta' Angelo Dougall, li f'dak iż-żmien bħala tifel, kien joqgħod l-Isla u kien kiteb noti ta' dak li kien ra dakinhar f'Isla.

Blitz infernali fuq l-Isla

Is-sinjal ta' l-*All Clear* kien għadu ma ngħatax, xħin spiċċa l-*blitz* f'4.15 p.m. U ħafna konna li ħriġna b'ġirja mill-kenn. Għax kellna fuqna ansjetà kbira ħalli naraw x'kien ġara sewwa madwarna. L-għajdut kienu ġa bdew jinxterdu waqt il-ħbit mill-ajru illi, "hemm ....waqa' "; "it-tali post intlaqat", "id-dar tat-tali....spiċċat", "il-bombi għamlu ħerba fi Triq....", eċċetra, eċċetra, kantaliena ta' taqtigħ il-qalb, li kompliet żiedet il-biża' li ħakem fuqna waqt dak il-*blitz* infernali li konna qegħdin inġarrbu.

Minn Angelo Dougall

L-ewwel mort nittawwal ħalli nara xi ħsarat kellha l-knisja, minħabba li ġriet ix-xnigħa, fost l-oħrajn, li l-knisja ntlaqtet minn *direct hit*. Il-bieb maġġur kien jinsab f'nofs il-kursija, imwaddab ma' l-art bil-qawwa tal-*blast*. Iżda minn daqqa ta' għajn ħafif ħafif, ma kenitx tidher li l-knisja kienet milquta dirett.

Imbagħad mort nara l-eqreb tiġrif, dak ta' Triq l-Oratorju, ħajt ma' ħajt mal-Kor tal-knisja, fejn ħafna djar saru tassew ħerba. Diġà xi nies kienu miġbura jħarsu, u daħna ta' trab abjad kienet qiegħda tittajjar mill-ħerba.

Fuq wiċċ dik il-miġemgħa ta' nies kont tilmaħ bħal ħarsa mbellha, kemm minħabba dak li kienu qegħdin jaraw quddiemhom, kif ukoll minħabba l-effett tal-*blitz* aħrax li konna għadna kif għaddejna minnu b'dan l-ewwel attakk tal-Ġermaniżi, li għamel tiegħu fuqna lkoll.

Waslu xi nisa min-naħa tax-xelter, igħaġġlu, nifishom maqtugħ u eċitat;

Wiċċ imb'wiċċ mal-ħerba

Mara (1): "Hi ...! ara jaħasra, id-dar ta' Tona kif waqgħet ....", Waqt li poġġiet idejha ma' wiċċha.

Mara (2): "Hi tassew ...!", waqt li b'idejha t-tnejn tat fuq wiċċha bħal mifxula; "U ma kenitx magħna fix-xelter!"

Mara (3) "Iżda jien ħabbattilha lil Tona xħin daqqet il-Balumba, u hi qaltli li Willie kien ta' bil-lejl u ma xtaqitx tqajmu, u li se tibqa' ġewwa miegħu. Ġieżu ħniena, żgur li ntradmu". U nfexxet tibki.

Mara (1) "Madonna ħenn għalina, mela mirdumin!" U bdiet tixher u tagħti fuq wiċċha bl-eċċitament, u tgħid, "Magħmula tagħhom!" Isaw jaħasra rġiel", qalet bil-kemm tiflaħ titkellem bil-biki, "morru għal ta' l-A.R.P. ħalli jfittxu jiġu ħalli jaqilgħuhom, forsi jsibuhom ħajjin; morru rġiel, jaħasra fittxu morru!"

U żdiedet il-kommossjoni għax laħqu waslu aktar ġirien minn ta' fuq il-Vitorja, u nies ta' Triq l-Oratorju, u min beda jibki u min jixher, u min jitniegħed, "X'dižastru waqa' fuqna, u x'ħerba għamlulna..." Kienet xena ta' qsim il-qalb li mhux lakemm wieħed jinsieha. Id-dehra ta' dik l-istraġi ta' bini mwaqqa' quddiemna, il-foga tal-*cordite* tal-bombi li kienet għadha tinxtamm fl-arja, imħallta mat-trab li r-riħ kien qed itajjar mill-ħerba, kienu jżommuk.

Ma damux wisq ma tfaċċaw xi pulizija flimkien ma' ta' l-A.R.P ġejjin bl-għodod tagħhom, xi għaxra b'kollox. Telgħu jixxabbtu fuq il-ħerba ħalli jibdew ineħħu t-tirdim.

Wieħed pulizija ġie jwarrabna u jbegħidna, minħabba li seta' kien għad hemm xi bomba m'hix sploduta u wkoll minħabba l-periklu li setgħu jċedu xi ħitan. Ta' l-A.R.P., flimkien mal-pulizija u ma' mijiet ta' nies tas-Servizzi bl-inġenji u ambulanzi, bdew deħlin fl-Isla saħansitra waqt il-*blitz*, b'sogru kbir għal ħajjithom. Għax minn rapporti uffiċjali, kien diġà magħruf li fl-Isla kien waqa' ħafna bini, fl-ewwel kolp tal-*blitz*, u li kien hemm ħafna nies mejta u midruba. Ta' l-A.R.P. kienu nies ta' esperjenza kbira u mħarrġa sewwa li jkunu jafu fejn għandhom ifittxu għall-vittmi mirdumin.

Fuq it-tiġrif

Wasal ukoll fuq il-post l-Arċipriet, Dun Manwel Brincat; twil f'persuntu, xempju tassew xieraq ta' mexxej, bis-suttana mimlija trab li kienet tixhed ħidma waqt dak il-ħbit mill-ajru. Dun Manwel dar lejn in-nies miġbura u qalilhom: "L-aħwa, inżommu l-kalma, inżommu l-kalma; u ejjew nitolbu f'din is-siegħa kerha li ġiet fuqna". Resaq lejn il-ħerba u xxabbat fuq iċ-ċnagen u t-tiġrif u tela' ħdejn ta' l-A.R.P. Dawn ma damux aktar minn xi għaxar minuti b'kollox, ineħħu l-ħerba, jaqilgħu travi u jqandlu ċnagen.

Ftit wara waqfu ħiemda jħarsu 'l isfel; wieħed minnhom għamel sinjal lil raġel ta' l-A.R.P. li kien ħdejh sabiex jinġiebu tliet *stretchers*. Xi ħadd fostna qal: "Mid-dehra sabuhom mejtin". Ma' dawn il-kliem in-nisa reġgħu bdew, min jibki, min jagħti fuq wiċċu u min jitniegħed: "Jaħasra Tona; jaħasra Willie .... kif kellhom jinqerdu!"

Fostna l-irġiel li konna qegħdin inħarsu mbikkma, kien hemm Ġiljanu s-sagristan, li kien wasal flimkien ma' l-Arċipriet. F'daqqa waħda Ġiljan telaq b'ġirja lejn il-knisja. Ftit wara rajnieh ġej bis-salib tal-mejtin u baqa' sejjer bih ħdejn l-Arċipriet fuq il-ħerba.

Dun Manwel ħareġ stola vjola mill-but u libisha.

Xi ftit minuti wara waslu xi rġiel ta' l-A.R.P. jġorru *stretchers*. Qalgħu tliet vittmi minn taħt l-irdim. Malli qegħduhom fuq l-istrechers, l-Arcipriet tbaxxa ħdejhom, qal xi talb u fuq ħaddejhom radd b'subgħajh salib. U ta' l-A.R.P. għattew lill-vittmi b'kutra griża ħafifa.

Qatt ma kont rajt lill-Arċipriet b'ħarsa daqshekk ta' niket u mbikkma fuq wiċċu daqs dak il-ħin.

L-Isla, il-Parroċċa għażiża tiegħu, saret ħerba, b'ħafna minn uliedha maqtula f'din l-istraġi kiefra. Ġiljan baqa' ħdejn l-Arċipriet, wieqaf u jħares iċ-ċassat.

Dun Manwel taptaplu fuq spalltu u qallu: "Ġiljan, imxi quddiem". U Ġiljan bħal reġa' ġie f'tiegħu. U minn fuq dik il-ħerba beda funeral ta' qsim il-qalb, Ġiljan quddiem, jerfa' s-salib, Dun Manwel warajh, bil-brevjar miftuħ f'idu, u warajhom ta' l-A.R.P. jibbilanċjaw kif jistgħu fuq iċ-ċnagan tal-ħerba u jerfgħu l-istretchers bl-iġsma ta' Tonina Farrell, Willie Farrell, u tal-ġara tagħhom li marret għall-wens fid-dar tagħhom xħin ħasset il-qawwa tal-ħbit.

Funeral

L-Arċipriet imnikket, miexi b'ħarstu fissa lejn il-vojt quddiemu, bla ma biss jitfa' l-iċken ħarsa lejn il-brevjar, beda jtenni b'leħen miksur: "*De profundis clamavi ad te Dominie, Domine exaudi vocem meam....*", u baqa' jkompli s-Salm matul it-Triq tal-Maċina sa Triq il-Vitorja, li fihom issa laħqu nġabru għadd ġmielu ta' nies. Dik il-ġemgħa bdiet twarrab ħalli jgħaddi dak il-funeral impromptu u kiebi; l-irġiel bdew jaqilgħu l-kappell bil-qima waqt li wħud jitniegħdu, "jaħasra.... jaħasra....", fost l-ilfiq ta' nies ħbieb u ġirien ta' Tonina u Willie.

Fil-kantuniera ma' Triq il-Vitorja kien hemm trakk tal-Militar wieqaf.

Ta' l-A.R.P qiegħdu lit-tliet vittmi fuqu ħalli biħ jittieħdu lejn il-kamra tal-mejtin ta' l-isptar Ċivili, fil-Furjana, l-Arċipriet reġa' qal xi talb u reġa' bierek lil dawk l-imsejkna, tlieta fost ħafna li sfaw vittmi fil-parroċċa tiegħu.

Bil-kemm laħaq spiċċa, li ma wasalx raġel jiġri u b'nifsu maqtugħ; "Sur Arċipriet, iriduk fi Strada Duluri; hemm ħafna feruti u mirduma; ejja, iriduk mill-aktar fis". B'ħarsa mbikkma u b'qalbu sewda Dun Manwel fetaħ idejh.

Ħa nifs qawwi; f'din is-siegħa ta' tiġrib u ta' twegħir ħafna erwieħ kien jinħtiġilhom il-faraġ. U d-dmir kien qiegħed isejjaħlu.

Tefa' ħarsa madwaru, u bla ma tniffes, b'ħeffa, telaq igħaġġel lejn dik in-naħa ta' l-Isla fejn kienet ġarrbet ħerba wisq akbar u fejn aktar nies sfaw feruti u mejtin, jew mirdumin taħt il-ħerba ta' djarhom jew inkella maqbudin fl-egħluq ta' xeltrijiet bil-bokok imblukkati bil-bini mwaqqa' fuqhom.

Kulma ġara fi Triq l-Oratorju kien biss episodju ċkejken li rajt jien fi tfuliti. Traġedji ta' qsim il-qalb.

Xeni ta' biki. Atti ta' qlubija u ħidma ta' eroiżmu. Dawn kollha ġraw fl-Isla, dakinhar tal-Ħamis, 16 ta' Jannar, 1941.



Dehra li fiha tħalliet l-Isla wara l-*blitz* li sar fis-16 ta' Jannar, 1941

L-attakk aħrax fuq l-HMS Illustrious